

# It-Twelid tal-Istandard tal-Pelikan



*Kitba u riċerka ta' Chris Ebejer*

Matul dawn l-aħħar snin kien inbeda restawr tal-istandard maġġur, imlaqqam bħala 'tal-Pelikan,' wara li d-damask kien tqatta'. Sar restawr fuq ir-rakkmu tad-deheb u dan ġie trasportat fuq damask ġdid bl-istess disinn identiku. It-trasport tar-rakkmu fuq damask ġdid sar peress li dan l-istandard għadu fil-funzjoni tiegħu u jintuża, għalekk, ma kienx neċessarju li jintrefa' xi mkien imma li jinbidel ma' damask b'disinn identiku li nħadem għalih fl-Italja sabiex l-istandard ikun jista' jibqa' jintuża fil-purċissjonijiet, filwaqt li jirrispetta d-dehra oriġinali li kellu. Minn analiżi ġie innutat li matul is-snin kien diġà sar trasport ieħor tar-rakkmu, meta kien inqala' r-rakkmu minn mad-damask oriġinali għad-damask li għadu kemm inbidel. Kien hemm diverġenzi fuq skola ta' ħsieb differenti u dawn għandhom jittieħdu mhux minn konservaturi biss, imma anke minn artiġjani li huma ħafna drabi esperti f'dik li hija teknika u materjal, peress li l-għerf tekniku jkun mgħoddi lilhom minn ġenerazzjoni għall-oħra.

### Tradizzjoni orali

Matul dan il-proċess bdejt nipprova nigbor xi informazzjoni li sfortunatament kienet intilfet maż-żmien. L-aktar dokument ideali li jista' jagħti daqxejn ħjiel ta' dawl huwa r-rikors. Konvint li dan seta' sar fil-bidu tas-seklu 20, għax minn riċerka nstab fl-arkivji tal-Kurja Arċiveskovili fis-"*Suppliche*" tal-1907 marbut ma' dan l-istandard. Tajjeb ingħidu li l-informazzjoni li konna nafu kienet biss minn tliet tradizzjonijiet orali. Waħda minn dawn it-tradizzjonijiet kienet tingħad minn fratell anzjan, illum mejjet, u li għal snin twal kien jerfa' dan l-istandard. Dan kien semmieli snin ilu, li kien jisma' mingħand zijuh itenni li dan l-istandard kien ser jiġi mħallas minn individwu li rtira milli jwettaq dan wara li b'mod mill-aktar stramb ħarqulu r-razzett tiegħu fejn kien irabbi l-bhejjem. Wieħed jista' malajr jassumi li l-bhejjem kienu jħallulu introjtu finanzjarju sew u l-ħruq imsemmi fit-tradizzjoni orali kien intenzjonat sabiex il-benefattur ifalli finanzjarjament u ma jkunx jista' jwettaq id-donazzjoni.[1]

Dettall taħt forma ta' tradizzjoni orali oħra waslet minn ġenerazzjoni għall-oħra sa żminijietna u din tgħid li fis-sena 1913 kien sar Kungress Ewkaristiku kbir f'Malta, u fil-Belt Valletta saret ċerimonja kbira tant li anke l-Kardinal Domenico Ferrata kien ġie, fejn kienu mistiedna il-fratellanzi tas-Santissimu Sagrament ta' Malta u l-Qrendin kienu telgħu l-Belt jipparteċipaw b'dan l-istandard fl-istess Kungress Ekwaristiku tal-1913.[2]

It-tradizzjoni orali tkompli, u ntenni, li ġbart minn fomm l-ex-Rettur Ġanni Falzon "tat-Tiena" li kien sema' mingħand ta' qablu jgħidu li dan l-istandard preżenti fil-Kungress kien ġie meqjus bħala l-isbaħ wieħed fost l-istandardi tal-fratellanzi tas-Santissimu Sagrament ta' Malta. Jekk nieħdu spunt minn din it-tradizzjoni orali u nanalizzawha *vis-à-vis* l-mertu artistiku tal-istandard m'oħrajn eżistenti f'parroċċi oħra, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li hemm doża ta' realtà fiha. Imma vera li l-Istandard kien tela' għall-Kungress jew l-għidut li jitnisslu minn ġenerazzjoni għall-ohra bil-fomm huma fittizji? F'riċerka li saret fil-ktieb tal-'*Introito ed esito*' finanzjarju tal-Fratellanza, fis-sena 1913 insibu mniżżel li l-fratellanza ħarġet lira sterlina għall-kungress u kienu ġew imħallsa 3 xelini għal *'trasporto dello stendardo nel congresso a Valletta,'* allura din it-tradizzjoni orali li l-Istandard tal-Pelikan tela' l-Belt għall-Kungress Ewkaristiku hija kkonfermata li kienet veritiera. Hawnekk irridu nżommu f'moħħna li dan l-Istandard allura kien tela' l-Belt meta kien għadu fl-ewwel snin jew xhur tal-eżistenza tiegħu. Wieħed jista' jassumi kemm setgħu ħassewhom kburin il-ftit bdiewa fratelli tas-Santissimu Sagrament mir-raħal tal-Qrendi li kien irnexxielhom jagħmlu opra li tisboq anke standardi oħra li jinsabu fi knejjes kolleġjati tal-ibliet.

It-tielet u l-aħħar tradizzjoni orali tgħid li l-Istandard kien inġieb mill-Italja. Dan il-punt ser nanalizzawh aktar 'il quddiem f'din ir-riċerka. Id-dokumenti jafu jikxfu dak li ż-żmien jaf iberred u permezz ta' dan ir-rikors, li bħal sejba arkeoloġika reġa' tfaċċa fid-dawl wara aktar minn seklu mistur, issa għandna ħjiel tal-konċepiment ta' dan l-Istandard mill-aktar prezzjuż.

### Ir-Rakkomandazzjoni u r-Rikors

Fuq talba li għamilt lill-Kanonku Nicholas Doublet, fis-*"Suppliche"* tal-1907, Vol IV – 163, fl-arkivji tal-Kurja Arċiveskovili, instab ir-rikors fil-11 ta Novembru tal-2017 u miegħu nstabet anke rakkomandazzjoni. Ejja naraw din x'kienet eżatt. Permezz ta' dawn id-dokumenti li jammontaw għal 4 paġni, issa sirna nafu wkoll min kien ir-Rettur meta dan l-istandard ġie immaterjalizzat, u dan kien ċertu wieħed bl-isem ta' Giuseppe Magri, li fir-


1913 La Fratellanza del fece uscire una Lira Sterlina per il Congresso. 1 –
Trasporto dello Stendardo nel congresso a Valletta 3

Dokument dwar il-Kungress

rakkomandazzjoni ffirma bħala il-*'Priore'* (illum nużaw il-kelma 'Rettur' minflok).

Giuseppe Magri nsibu li ffirma r-rakkomandazzjoni miktuba bit-Taljan mill-aktar mirqum mill-Kappillan Dun Alfons Tabone. F'din ir-rakkomandazzjoni, il-prijur Giuseppe Magri, qed jitlob lill-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Alfons Tabone[3] (3) u jurih in-neċessità li jsir dan l-istandard u fost oħrajn isemmi li l-*'Venerabile Confraternità del Santissimo Sacramento si trova nella necessità di aver un stendardo da processione addattato per le festività occorente,'* datat, *Crendi 5 Luglio 1907*.

Mela, il-Prijur Giuseppe Magri għamel talba formali bil-miktub lill-Kappillan biex jitolbu jsir rikors lill-Kurja Arċiveskovili.

Fir-rakkomandazzjoni, Giuseppi Magri jsemmi data oħra, dik tad-9 ta' Ġunju 1907. F'din id-data jgħid li saret konsulta ġenerali, li din kienet laqgħa ġenerali bejn il-fratelli u konsorelli u jgħid li fiha sar qbil li hu bħala Prijur ġie awtorizzat sabiex imexxi l-eżekuzzjoni tal-Istandard. L-awtorizzazzjoni ngħatat awtomatikament mill-fratelli sħabu. Din id-data turina wkoll li la l-laqgħa ġenerali saret fid-9 ta' Ġunju, allura saret qrib il-festa ta' *Corpus Christi*, li hija l-festa tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament.

Permezz ta' din ir-rakkomandazzjoni, jiżvela bil-miktub li l-Istandard kien ser jitħallas kompletament mill-kontribuzzjonijiet ġenerużi tal-fratelli tas-Santissimu Sagrament u fatt interessanti, li meta wieħed jistudja kemm ir-rakkomandazzjoni u anke r-rikors, jidher li dawn ġew ippreżentati meta l-Fratellanza kellha diġà s-somma kompluta miġbura qabel. Għalekk, jitlob lill-Kappillan Dun Alfons Tabone sabiex is-somma ta' *venti cinque lire sterline* tiġi żbankata mill-Kurja fejn il-Fratellanza kienet iddepożitata. Allura, hawnekk qed nieħdu ħjiel ieħor li jurina li l-preparazzjoni għall-ġbir tal-flus sabiex isir dan l-Istandard bilfors kien inbeda xhur jew snin qabel l-1907.

Propju l-għada tal-5 ta' Lulju 1907, Giuseppe Magri bagħat ir-rakkomandazzjoni lill-Kappillan Dun Alfons Tabone, u dan iffirma r-rikors uffiċjali li ntbagħat lill-Kurja fis-6 ta' Lulju tal-1907, sabiex jilqa' t-talba li għamillu l-Prijur Giuseppe Magri ġurnata qabel. Dan ifisser li ma kienx hemm telf ta' żmien u la l-Istandard kellu s-somma diġà miġbura, allura kellu jitħaffef il-proċess.

Hawnekk turina ftit il-mod għaqli li bih kienu mxew fuq dan il-proġett li meta riedu jwettqu din l-opra, assiguraw li l-flus ikunu f'idejhom qabel ma' jembarkaw fit-twettiq tal-ħolma.

Is-somma ta' *25 lire sterline* kienet somma mhux ħażin. Wieħed irid jikkunsidra li s-salarju ta' persuna mħallas pjuttost sewwa dak iż-żmien kien ta' madwar 3 liri sterlini fix-xahar. Għaldaqstant, kieku jkollna norbtu s-somma ta' 25 liri sterlini bil-valur ta' dak iż-żmien, il-manifattura ta' dan l-Istandard sewa qisu paga ta' sena ta' persuna li huwa mħallas tajjeb.

Però, is-somma totali swiet ftit aktar minn 25 liri sterlini, kif propju jindika fil-ktieb tal-*"Introito ed Esito"* tal-Fratellanza, fuq ħlasijiet addizzjonali, bħal trasport u ħlas lill-Kurja għar-rikors.

Filwaqt li r-rikors illi ħejja l-Kappillan Tabone huwa datat li sar fis-6 ta' Lulju tal-1907, ir-rikors ġie dekretat, jiġifieri ngħata l-permess sabiex l-Istandard jista' jsir, fit-28 ta' Settembru ta' dik is-sena stess 1907. Fil-fatt jidher iffirmat b'mod vertikali fuq ir-rikors minn uffiċjal tal-Kurja.



226

283/1907.

Eccellenza Revma

Umile ricorso di Giuseppe Magri Priore della V. Confraternita del SS. Sacramento eretta nella Pieve di Crendi.

Rappresenta riverentemente

Che, la Venda Confraternita del SS. Sacramento, si trova nella necessità di avere uno stendardo da processione adattato per le festività occorrenti.

Che, l'Esponente, qual Priore di detta Confraternita, nella Consulta tenuta il dì 9 Giugno scorso, fu autorizzato per l'esecuzione di detto stendardo, sotto la direzione del M. Revdo Sigr. Parroco Don Alfonso Tabone.

Che, oltre la contribuzione già fatta

Attentis relatis a Parocho, fiat ut petitur. Datum Valettae die 23 Septembris 1907



dai Confratelli a tal'effetto, si richiede pure la somma di lire sterline venticinque.

Pertanto l'Esponente supplica riverentemente la Prelodata Vostra Eccellenza Revma, a voler compiacersi autorizzarlo a poter erogare dall'avanzo della Cassa di detta Confraternita, la suindicata somma richiesta per la formazione dello stendardo in parola.

Crendi 5 Luglio 1907

E della Grazia ecc.

Giuseppe Magri Prior

Presentato il dì 6 Luglio 1907.

Ir-rikkomandazzjoni miktuba mill-Prijur Giuseppe Magri


227

Eccellenza Revma

Richiesto dal Sig.r Giuseppe Magri Proc.e della Venda Confraternita del SS. Sacramento eretta in questa mia Pieve, a prendere cognizione del ricorso dal medesimo avanzato a V.ra Ecc.za Revma, con cui domanda l'opportuna autorizzazione per erogare dagli avanzi della Cassa Confraternita, la somma di lire sterline venticinque per la formazione dello stendardo menzionato in detto suo ricorso, dichiaro che, lo stendardo in parola è necessario per le festività occorrenti, e che col prelevare dai detti avanzi la suindicata somma per la formazione dello


stendardo in parola, non si reca verun pregiudizio alla suddetta Cassa.

Raccomando quindi la domanda dell'Oratore ritenendola vantaggiosa alla Venda Confraternita.

Rimettendomi al miglior giudizio dell'Eccellenza V.ra Revma sul proposito, col dovuto ossequio mi dichiaro nell'atto di baciarle il S. Anello

Di V.ra Eccellenza Revma

Crendi, 6 Luglio 1907.

Devmo Servo

D. Alf. Tabone Parroco

Parti mir-rikors miktub mill-Kappillan Dun Alfons Tabone lill-Kurja Arċiveskovili fis-6 ta' Lulju 1907

Allura, bejn is-sottomissjoni tar-rikors u l-awtorizzazzjoni mill-Kurja kien hemm madwar 12-il ġimgħa ta' stennija.

## Dettalji mhux imniżżla

Fatt kurjuż huwa li la fir-rakkomandazzjoni u lanqas fir-rikors ma jissemma' mkien l-ebda isem tal-artist li ddisinja l-Istandard u lanqas f'liema pajjiż ser isir, kif anke lanqas l-isem ta' min kellu jħit id-damask u jirrakkma d-deheb.

F'dan il-każ, irridu mmorru fuq l-analiżi teknika tal-Istandard, u minn studju analitiku ta' kif inhu meħjut, it-teknika tar-rakkmu tagħti indikazzjoni li huwa xogħol Taljan. Il-fatt li la fir-rakkomandazzjoni, kif anke lanqas fir-rikors u lanqas fil-ktieb tal-*"Introito ed Esito"* tal-Fratellanza ma jissemmew l-ebda dettalji oħra, imma biss l-ispiża ġenerali, allura tqum domanda oħra, għaliex inkitbet l-ispiża ġenerali u mhux ħlasijiet individwali? Hawnekk qed tingħata indikazzjoni, li l-Fratellanza kienet f'kuntatt m'aġent u li dan l-aġent kien responsabbli mill-koordinament tax-xogħol kollu, inkluż id-disinn u affarijiet oħra relatati. Għalekk, fil-kotba tal-introjtu u l-eżitu finanzjarju tal-Fratellanza nsibu somma globali biss u allura l-probabilità hija li l-Fratellanza għaddiet is-somma totali ta' *25 lire sterline* hekk kif mitluba mill-aġent responsabbli u t-tqassim tal-ħlas lid-diżinjatur, xiri ta' damask, ħjata, u rakkmu gew imħallsa separatament lill-individwi mill-aġent. Matul it-trasport tar-rakkmu li sar din is-sena, meta appena nqala' r-rakkmu tal-pelikan minn mad-damask, instabu gazzetti kompatti ma' xulxin qishom illamtati biex iżommu fermi ma' xulxin. Dawn kienu fil-parti taż-żaqq tal-pelikan, propju biex iżommu ż-żaqq tar-rakkmu tad-deheb żbuzzata bil-forma tonda. Mil-lingwa li kienet miktuba fuq il-gazzetti nsibu li kienet dik Taljana. Għalekk, la ntużaw il-gazzetti Taljani biex jiżbuzzaw żaqq il-pelikan, dan jikkonferma tradizzjoni orali li tgħid li dan kien inġieb mill-Italja. Għalekk, issa kkonfermata li x-xogħol tar-rakkmu ta' dan l-Istandard kien sar fl-Italja. Fil-ktieb *''Introito ed Esito''* finanzjarju tal-Fratellanza, fis-sena 1908 insibu ħlasijiet addizjonali żgħar fuq dak ta' 25 liri sterlini relatati ma' servizzi oħra konnessi mal-Istandard. Għall-kopja tar-rikors dekretat tal-Istandard il-ġdid tħallas (b'nofs rata għall-ispiża) ta' 2 xelini u 6 soldi biex ikunu eżitati mill-kaxxa. Filwaqt, li għall-kopja tal-Istandard il-ġdid (b'nofs rata) 2 xelini u 6 soldi.



Il-ktieb Introito ed esito

Insibu wkoll imniżżel pagament għall-vettura għall-okkazjoni tal-

Istandard il-ġdid (b'nofs rata għall-ispiża) il-Fratellanza ħallset 3 xelini u 4 soldi Il-ħlas ta' 25 liri sterlini għall-Istandard il-ġdid insibuhom imniżżlin fil-kont tas-sena 1909.

## Konklużjoni

Madanakollu, wieħed ikun jixtieq jinstab aktar għarfien, imma permezz ta' dan ir-rikors intefa' ftit dawl fuq il-bidu ta' din l-opra li din is-sena, permezz tal-benefatturi Peter u Ġina Schembri, iffinanzjaw it-trasport fuq damask ġdid u b'hekk l-Istandard irritorna lura fl-istess stat u dehra bħalma rawh għall-ewwel darba il-Prijur Giuseppe Magri ma' sħabu l-fratelli tas-Santissimu Sagrament u Dun Alfons Tabone.

Rakkomandazzjoni tradotta mit-Taljan minn Giuseppe Magri

*Prijur tal-Venerabbli Konfraternità tas-S.S. Sagrament Imwaqqfa fil-parroċċa tal-Qrendi*
*B'reverenza,*
*Il-Venerabbli Konfraternità tas-S.S.mu Sagrament tinsab fil-bżonn li jkollha standard tal-purċissjoni addatatt għall-festi li qed iseħħu fl-imsemmijja parroċċa.*

*Għalhekk jien bħala r-rappreżentant u Prijur tal-imsemmija Konfraternità, fil-laqgħa li seħħet nhar id-9 ta' Ġunju li għadda, ġejt awtorizzat sabiex immexxi l-eżekuzzjoni tal-imsemmi standard taħt id-direzzjoni tiegħek, ir-Reverendissimu Kappillan Dun Alfons Tabone. Li mill-kontribuzzjoni li diġà saret mill-fratelli, dan ix-xogħol jirrikjedi somma ta' ħamsa u għoxrin lira sterlina.*

*Intant, bħala l-esponent li nirrappreżenta l-imsemmija Fratellanza, qed nagħmel supplika lilek Eċċellenza Reverendissima Kappillan sabiex tagħti l-awtorizzazzjoni u tmexxi x-xogħol neċessarju li minnu diġà hemm avvanz finanzjarju għall-proġett tal-Istandard diskuss skont kif tgħid din l-ittra.*
*Qrendi 5 ta' Lulju 1907*
*Bil-grazzja tiegħi*
*Giuseppe Magri,*
*Prijur*

Rikors mill-Kappillan Dun Alfons Tabone lill-Arċisqof Pietro Pace, tradott mit-Taljan

*Eċċellenza Reverendissima,*
*Wara t-talba tas-Sinjur Giuseppe Magri, Prijur tal-Venerabbli Konfraternità tas-S.S.mu Sagrament imwaqqfa fil-parroċċa tiegħi, nieħu spunt mir-rikors tal-avvanz li diġà sar, u qed nitlobok tawtorizza sabiex inkun nista' niddelega s-somma ta' flus diġà miġbura mill-kaxxa tal-Konfraternità, jiġifieri s-somma ta' ħamsa u għoxrin lira sterlina għall-formazzjoni tal-Istandard hekk kif imsemmi fir-rikors li għamel preċedentement il-Prijur. Naċċertak li l-Istandard huwa neċessarju għall-festi li qed iseħħu, u għalhekk nitlob biex nagħmel użu mis-somma indikata sabiex tintuża għan-neċessità tax-xogħol fuq l-imsemmi standard, u dan nagħmlu mingħajr ma' nagħmel l-ebda preġudizzju fuq l-użu tal-flus mill-kaxxa.*

*Nirrakkomanda d-domanda li għamel l-oratur [l-istess Prijur] u nassigurak li l-Konfraternità se tibbenefika minn dan l-Istandard ġdid. Inpoġġi ntant fl-aħjar ġudizzju tiegħek, Eċċellenza Reverendissima, dwar din il-proposta, filwaqt li nbuslek iċ-ċurkett imqaddes.*

*Mill-Eċċellenza Reverendissima*
*Qrendi, 6 ta' Lulju 1907*
*Is-Serv Denju*
*Dun Alfons Tabone, Kappillan*

Nota: Gratitudni speċjali tmur lill-Kanonku Nicholas Doublet tal-għajnuna ġentili tiegħu fir-riċerka fis-*"Suppliche"* fl-arkivji tal-Kurja Arċiveskovili, li bil-ġentilezza tiegħu nstab dan ir-rikors u r-rakkomandazzjoni wara aktar minn seklu mistur fis-skiet. Ringrazzjament ukoll lis-Sur Mario Gauci, arkivista tal-Katidral tal-Imdina, tal-għajnuna tiegħu.

## Referenzi

[1] Fi żminijiet passati, fil-kultura kampanjola tal-Qrendi, kienet sitwazzjoni okkorrenti li jsiru atti ta' ħruq bħala vendikazzjoni jew sinjal ta' twissija, kemm fl-irziezet kif ukoll fl-għelieqi, lill-esponenti li jissimpatizzaw mal-festa tat-titular. Din it-testimonjanza ġbartha mingħand diversi anzjani li llum mietu u xi wħud għadhom mimlija bl-għomor. Uħud qaluli li anke ġieli raqdu fl-għelieqi biex iħarsuhom mill-kattiverija. Biex inpoġġu kollox f'perspettiva, qed nitkellmu fil-bidu tas-seklu 20, meta s-sitwazzjoni fir-raħal periferiku tal-Qrendi ma baqgħetx aktar trankwilla u saret taħraq ferm, hekk kif ftit ta' snin qabel kienet għadha kemm twieldet Fratellanza u partit ġdid li ma bdewx jirrikonoxxu lit-titular bħala l-festa prinċipali kif kien prattikat sa mit-twaqqif tal-Parroċċa. B'hekk inħolqot anomalija versu dawk li bi prinċipju baqgħu leali lejn ir-rieda ta' missirijiethom li jiddefendu l-festa ta' Santa Marija.

[2] Dan il-Kungress kien wieħed mill-akbar laqgħat internazzjonali li qatt saru f'Malta, u kien mifrux fuq ħafna ġranet madwar Malta u Għawdex, u laħaq il-qofol tiegħu fl-aħħar ġimgħa t'April. Kienu attendew diversi Kardinali u dinjitarji oħra, fosthom il-Kardinal Domenico Ferrata bħala d-delegat tal-Papa, b'kollox madwar 3,000. Dawn il-kungressi Ewkaristiċi kienu laqgħat kbar tal-Kattoliċi biex jippromwovu d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija mad-dinja kollha. Għal din l-okkażjoni, il-poeta Dun Karm Psaila kien kiteb wieħed mill-aktar innijiet reliġjużi sbieħ, "*T'Adoriam Ostia Divina*" jew "Nadurawk ja Ħobż tas-Sema".

[3] Il-Kappillan Dun Alfons Tabone kien jiddefendi d-drittijiet u l-pertinenzi kollha tat-titular, kif fil-fatt hu d-dover ta' kull Kappillan sa mit-twaqqif tal-Parroċċa. Dun Alfons kien strumentali minn wara l-kwinti sabiex jitwaqqaf iċ-Circolò Maria Assunta f'Ġunju tal-1908 meta l-festa titulari kienet giet degradata u l-Orkestra Bellini, li kienet iddoqq fiż-żewġ festi fil-knisja, bdiet titratta l-Santa Marija bħala tat-tieni klassi. Il-festa sekondarja li ftit snin qabel twaqqfet l-ewwel Soċjetà f'isimha, ħadet preċedent kemm barra u ġewwa l-knisja b'sens ta' pika. Ġewwa l-knisja kollox intemm ħesrem meta ġiet sopressa l-Fratellanza tal-Immakulata Beata Verġni ta' Lourdes fuq kwistjonijiet ovvji u wara sensiela twila ta' litigazzjonijiet ħorox mal-kleru. Fl-1935 kienet is-sena li fiha ġie attwat il-Konċilju Reġjonali li poġġa restrizzjonijiet fuq il-festi tal-fratellanzi billi kienu qed joħolqu piki kbar mat-titular.